# 10. Il-Grillu

L-imnanar tas-smewwiet inemnmu kollha
bħal sa jintfew; qalb weraq u għenieqed
l-għasafar jonħru għajjenin u magħhom
fis-skiet u d-dlam tal-lejl Awwissu rieqed.

Siket sal-mewġ qalil madwar is-sikka,
u fuq iċ-ċint tal-bejt il-kelb nebbieħ;
raqad ukoll fil-fewġa ħelwa ħelwa
il-bidwi ġol-għarix qalb il-bittieħ.

’Mma ‘l hawn u ‘l hemm u kullimkien isimgħu
fl-għelieqi tat-tadam tektik bla tmiem:
tik tik, tik tik, minn xħin il-lejl insatar
sal-ewwel sbieħ tal-jum jibqa’ dewwiem.

Il-Grillu dan! u miegħu l-Qalb ħanina
li żżaqqaq il-ħolqien fid-dlam u s-skiet;
qatra qatra l-ħalib min ġo sidirha
ħiereġ bil-mod il-mod f’fomm il-ħlejjqiet.

Kif jisbaħ il-parsott li sar u xxaqqaq
iqum minn fommu jliegħeb għasel bnin;
u fit-tuffieħ bajdan li beda jonfoħ
jidhru wardiet imfaqqa’ u ħamranin;
u fl-għerq tal-qara’ mxabbat ma’ ħadida
tan-nida qalb il-qtar tfiġġ kewkba ġdida.